*- ab omissa decisione*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 8 ta' Frar 2022**

**Fl-atti tar-Rikors Guramentat Nru. 1131/20 GM fl-ismijiet:**

**Mġarr Farming Co. Ltd (C-31163)**

**vs**

**Dusk & Dawn Co. Ltd (C-21800), u Joseph Camilleri kjamat in kawża b'digriet tat-22 ta' Frar 2021**

Il-Qorti:

Rat ir-Rikors ippreżentat minn Mġarr Farming Co. Ltd fis-27 ta' Mejju 2021 permezz ta' liema jitolbu lil din il-Qorti sabiex ai termini tal-Artiklu 235 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta tippronunzja ruħha ulterjorment u tgħaddi biex tilqa' t-talbiet attriċi fil-konfront tal-kjamat in kawża Joseph Camilleri, u dan

salv kwalsiasi provvediment li din il-Qorti jidhrilha xieraq u opportun.

Rat id-Digriet tagħha tat-3 ta' Ġunju 2021 li permezz tiegħu tat lill-konvenut u lill-imsejjaħ fil-kawża żmien għar-risposta u a tenur tal-Artikolu 235 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta appuntat ir-Rikors għas-smigħ u ordnat li l-partijiet jiġu mħarrkin mill-ġdid sabiex jidhru quddiemha.

Rat l-atti tal-kawza fl-ismijiet Mġarr Farming Co. Ltd (C-31163) vs Dusk & Dawn Co. Ltd (C-21800) Rikors Guramentat Nru. 1131/20 deċiża b'sentenza pronunzjata minn din il-Qorti fis-27 ta' Mejju 2021.

Rat ukoll l-istess imsemmija sentenza.

Rat ir-risposta tal-konvenuta u l-imsejjaħ fil-kawża li opponew għat-talba tar-rikorrent billi l-liġi tikkontempla rimedju għal talbiet li ma ġewx milqugħa u mhux allura dawk li ntlaqgħu; u billi meta laqgħet it-tieni talba fir-rikors ġuramentat, il-Qorti ddikjarat li l-konvenuta, u mhux il-kjamat fil-kawża, hija debitriċi tal-attriċi, u din għaddiet in ġudikat.

**Ikkunsidrat:**

L-Artiklu 235 fuq imsemmi jipprovdi li meta Qorti tal-ewwel grad tħalli barra fid-decizjoni waħda mit-talbiet proposti, ma jingħatax appell *ab omissa decisione* iżda, kull waħda mill-partijiet tista', fi żmien ħmistax-il ġurnata minn dakinhar tas-sentenza, permezz ta' rikors, titlob lil dik il-Qorti li taqta' tali talba u dana wara li l-partijiet jiġu mħarrkin mill-ġdid. F'tali

każ, iż-żmien għall-appell mis-sentenza kollha jew minn kull parti minnha, jibda jgħodd minn dakinhar tal-aħħar deċiżjoni.

Mill-atti processwali jirriżulta li l-attur ippreżenta r-Rikors tiegħu entro t-terminu prefiss mil-liġi u jirriżulta wkoll li l-partijiet ġew imħarrkin mill-ġdid biex jerġgħu jidhru quddiem din il-Qorti.

M'hemmx dubju li t-talba tal-atturi hija ġustifikata. Mhux minnu dak eċċepit mill-intimati fir-risposta tagħhom. Joseph Camilleri ġie msejjaħ fil-kawża għaliex obbliga ruħu solidalment mal-konvenuta għad-debiti tagħha mal-attriċi. Huwa ammetta t-talbiet attriċi flimkien mal-konvenuta. Il-Qorti laqgħet it-talbiet fil-konfront tal-konvenuta iżda mhux ukoll fil-konfront tal-imsejjaħ fil-kawża. Dan għamlitu bi żvista evidenti. Meta għamlet hekk ma jfissirx li ċaħdet it-talbiet fil-konfront tal-imsejjaħ fil-kawża.

Għaldaqstant, it-talba tal-atturi kif dedotta qed tiġi milqugħa u b'hekk tiddeċiedi ulterjorment għas-sentenza msemmija billi żżid dawn il-paragrafi wara t-tielet paragrafu fid-dispożittiv tagħha:

> "(4) Tiddikjara li għar-raġunijiet premessi l-imsejjaħ fil-kawża Joseph Camilleri huwa debitur *in solidum* flimkien mas-soċjeta` konvenuta tas-soċjeta` attriċi fl-ammont ta' tmienja u erbgħin elf, tmien mija u tmienja u ħamsin ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€48,858.89).
>
> "(5) Tikkundanna lill-imsejjaħ fil-kawża Joseph Camilleri *in solidum* mas-soċjeta` konvenuta jħallas lis-soċjeta' attriċi l-imsemmija somma ta' tmienja u erbgħin elf, tmien mija u tmienja u ħamsin ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€48,858.89).

> "Bl-ispejjeż, inkluż tar-mandat ta' sekwestru ippreżentat kontestwalment mar-rikors ġuramentat, u bl-imgħaxijiet legali mid-data ta' kull fattura sal-pagament effettiv, kontra l-imsejjaħ fil-kawża Joseph Camilleri *in solidum* mas-soċjeta` konvenuta".

L-ispejjeż tal-proċedura odjerna istitwita a tenur tal-Artikolu 235 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA